DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/811

tat-13 ta' April 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Fit-13 ta' Marzu 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/572 ([2]), li ġeddet il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.

(3) Il-Kunsill irċieva informazzjoni ġdida dwar ċerti persuni soġġetti għal miżuri restrittivi u elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw 35 persuna jiġu aġġornati.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/572 tat-13 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 75I, 14.3.2023, p. 134).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikoli 1 u 2", l-entrati 92, 720, 723, 728, 879, 1172, 1348, 1349 to 1359, 1361 sa 1364, u 1366 sa 1378 huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"92.	Arkady Romanovich ROTENBERG Arkadii Romanovich ROTENBERG (Аркадий Романович РОТЕНБЕРГ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.12.1951 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)	Arkady Rotenberg huwa negozjant Russu prominenti, li għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President Putin. Sa minn Marzu 2014, Rotenberg, jew il-kumpaniji tiegħu, irċevew kuntratti Statali li jammontaw għal aktar minn USD 7 biljun. Fl-2015, Rotenberg kien fil-quċċata tal-lista annwali ta' kuntratti tal-gvern f'termini ta' valur, wara li ngħata kuntratti li jiswew RUB 555 biljun mill-Gvern Russu. Ħafna minn dawn il-kuntratti ngħataw mingħajr proċessi kompetittivi formali. Fit-30 ta' Jannar 2015, il-Prim Ministru Dmitry Medvedev iffirma digriet li ta lill-kumpanija Stroygazmontazh ta' Rotenberg kuntratt statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment.. Permezz ta' dawn il-kuntratti hu bbenefika finanzjarjament minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Eks sid tal-kumpanija Stroygazmontazh, li ngħatat kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment u għalhekk jikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, f'Jannar 2017, Stroygazmontazh ingħatat kuntratt statali ta' RUB 17-il biljun għall-bini ta' linja ferrovjarja fuq il-pont ta' Kerch li tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Sid ta' żewġ kumpaniji, Mostotrest u Stroygazmontazh-Most, ddeżinjati għall-attivitajiet tagħhom li jdgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna (entitajiet Nru 43 u 46 f'dan l-Anness). Fl-2019 Rotenberg biegħ il-kumpanija tal-kostruzzjoni tal-pipelines tal-gass Stroygazmontazh.	15.3.2015

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għall-involviment tiegħu fil-bini tal-pont ta' Kerch huwa ngħata l-ordni tal-Istat "Eroj tax-Xogħol tal-Federazzjoni Russa" f'Marzu 2020. Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li notevolment implimentat il-proġett "Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz – Krimea", kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja, u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-Gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja. Fit-30 ta' Jannar 2021, Arkady Rotenberg iddikjara li kien il-benefiċjarju tal-hekk imsejjaħ "Palazz ta' Putin" f'Gelendzhik, li jidher fl-investigazzjoni tal-Fondazzjoni Kontra l-Korruzzjoni ta' Alexei Navalny.	
720.	Alexander Semenovich VINOKUROV (Александр Семёнович ВИНОКУРОВ)	Data tat-twelid: 12.10.1982 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Negozjant, Sieħeb Maniġerjali u President ta' Maraton Group; Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Magnit Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Semenovich Vinokurov huwa negozjant Russu b'interessi fin-negozju tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel, tal-prodotti farmaċewtiċi, tal-agrikultura u tal-infrastruttura. Huwa għandu pożizzjonijiet ta' tmexxija fil-Maraton Group, kumpanija ta' investiment, u f'Magnit, l-ikbar bejjiegħ bl-imnut Russu tal-ikel. Huwa għandu wkoll ishma f'Demetra Holding, wieħed mill-akbar negozjanti tal-qamħ fir-Russja attiv fl-esportazzjoni tal-qamħ, filwaqt li r-Russja hija l-akbar esportatur tal-qamħ fid-dinja. Huwa miżżewweġ lil Ekaterina Sergeevna Vinokurova, bint Sergey Lavrov, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa. Missieru huwa Semen Vinokurov, li kien il-kap tal-Intrapriża Unitarja tal-Istat "Capital Pharmacies" u li huwa meqjus bħala wieħed mill-imprendituri ewlenin fl-industrija farmaċewtika Russa. Għalhekk, Alexander Vinokurov għandu rabtiet mill-qrib mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lil dak il-gvern, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Alexander Semenovich Vinokurov, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal- President Vladimir Putin u membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mir-rabtiet personali mill-qrib li Alexander Vinukorov għandu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Sergey Lavrov li huwa responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza ta' dak l-istat.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
723.	Dmitry Arkadievich MAZEPIN (Дмитрий Аркадьевич МАЗЕПИН)	Data tat-twelid: 18.4.1968 Post tat-twelid: Minsk, l-eks Belorussian SSR, (issa Belarus) Funzjoni: Eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' JSC UCC Uralchem Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Arkadievich Mazepin huwa sid ewlieni u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija tal-fertilizzanti minerali Uralchem, u huwa l-akbar azzjonist ta' Uralkali. Uralchem Group huwa manifattur Russu ta' firxa wiesgħa ta' prodotti kimiċi, fosthom fertilizzanti minerali u nitrat tal-ammonju. Skont il-kumpanija, hija l-akbar produttur ta' nitrat tal-ammonju kif ukoll it-tieni-l-akbar produttur tal-ammonijaka u ta' fertilizzanti nitroġenużi fir-Russja. Kemm Uralchem kif ukoll Uralkali ġew iddeżinjati bħala "assi strateġiċi" mill-Istat Russu. Dmitry Arkadievich Mazepin huwa għalhekk involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Dmitry Arkadievich Mazepin, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President Vladimir Putin u membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. F'Diċembru 2021, Dmitry Mazepin irreġistra mill-ġdid il-kumpaniji tiegħu bbażati f'Ċipru Uralchem Holding u CI-Chemical Invest, li jikkontrollaw "Uralchem", sabiex jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni Russa fid-distrett amministrattiv speċjali tal-Gżira ta' Oktyabrsky fir-Reġjun ta' Kaliningrad.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
728.	Vadim Nikolaevich MOSHKOVICH (Вадим Николаевич МОШКОВИЧ)	Data tat-twelid: 6.4.1967 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: eks president tal-Bord tad-Diretturi ta' Rusagro Group Nazzjonalità: Russa, Ċiprijotta Sess: raġel	Vadim Nikolaevich Moshkovich huwa imprenditur Russu b'interessi fin-negozju fl-agrikoltura u l-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Fl-2004, Vadim Moshkovich waqqaf ir-Rusagro Group li huwa produttur ewlieni tal-laħam tal-majjal, xaħmijiet u zokkor, ikklassifikat l-ewwel fost l-azjendi agrikoli fl-2021 fir-Russja. Vadim Moshkovic huwa għalhekk involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Fl-24 ta' Frar 2022, wara l-ewwel stadji tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, Vadim Moshkovich, flimkien ma' 36 negozjant ieħor, iltaqa' mal-President Vladimir Putin u membri oħra tal-Gvern Russu biex jiddiskutu l-impatt tal-linja ta' azzjoni wara s-sanzjonijiet tal-Punent. Il-fatt li ġie mistieden jattendi din il-laqgħa juri li huwa membru fiċ-ċirku l-aktar qrib ta' Vladimir Putin u li qed jappoġġa jew jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki li qed idgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Juri wkoll li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	9.3.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
879.	Roman Arkadyevich ABRAMOVICH (Роман Аркадьевич АБРАМОВИЧ)	Funzjoni: Oligark qrib Vladimir Putin; azzjonist ewlieni ta' Evraz; eks Gvernatur ta' Chukotka Data tat-twelid: 24.10.1966 Post tat-twelid: Saratov, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: 1 Lipovaya Aleya, Nemchinovo, Odinstvo district, Moscow, Russia Individwi assoċjati: Vladimir Putin	Roman Abramovich huwa oligarka Russu li għandu rabtiet twal u mill-qrib ma' Vladimir Putin. Huwa kellu aċċess privileġġat għall-President, u żamm relazzjonijiet tajbin ħafna miegħu. Din il-konnessjoni mal-mexxej Russu għenitu jżomm il-ġid konsiderevoli tiegħu. Huwa azzjonist ewlieni tal-grupp tal-azzar Evraz, li huwa wieħed mill-akbar kontribwenti fir-Russja. Għalhekk huwa kien qed jibbenefika wkoll minn persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa wkoll wieħed min-negozjanti Russi ewlenin involuti f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022
1172.	Aleksandra MELNICHENKO a.k.a. Sandra NIKOLIĆ (Serbian: Александра МЕЉНИЧЕНКО)	Data tat-twelid: 21.4.1977 Post tat-twelid: Belgrade, Serbia Individwu assoċjat: Andrey Igorevich Melnichenko (żewġha) Nazzjonalità: Serba, Kroata Sess: mara Numru tal-Passaport: Passaport Kroat Nru 094949450 (data tal-iskadenza: 23.12.2023)	Aleksandra Melnichenko hija mart Andrey Igorevich Melnichenko, industrijalist Russu li fid-9 ta' Marzu 2022 ittrasferilha s-sjieda u l-benefiċċju effettivi tiegħu tal-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u tal-kumpanija tal-faħam SUEK. Aleksandra Melnichenko tibbenefika minn din il-fortuna u minn ġid żewġha. F'Marzu 2022, Aleksandra Melnichenko ssostitwiet lil żewġha bħala s-sid benefiċjarju ta' Firstline Trust, immaniġġjata minn Linetrust PTC Ltd, kumpanija li tirrappreżenta s-sid aħħari ta' EuroChem Group. Għalhekk, hija assoċjata ma' negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1348.	Georgiy Sergeevich STAROSTIN (Георгий Сергеевич СТАРОСТИН)	Data tat-twelid: 1.12.1986 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 771380617804 (Russia)	Il-Kaptan Georgiy Starostin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Starostin huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1349.	Sergey Vladimirovich ILIN (Сергей Владимирович ИЛЬИН)	Data tat-twelid:14.11.1987 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel	Il-Kaptan Sergey Ilin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Sergey Ilin huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1350.	Yuriy Aleksandrovich NIKONOV (Юрий Александрович НИКОНОВ)	Data tat-twelid: 9.5.1984 Post tat-twelid: Baku, l-eks USSR (issa Azerbaijan) Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 271201003620, 016154160136 (Russia)	Il-Kaptan Yuriy Nikonov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Yuriy Nikonov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna..	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1351.	Ekaterina Viktorovna CHUGUNOVA (Екатерина Викторовна ЧУГУНОВА)	Data tat-twelid: 10.3.1991 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: mara Nru tal-Identità tat-Taxxa: 312609219100 (Russia)	Il-Logutenent Ekaterina Chugunova hija membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, hija figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Ekaterina Chugunova hija persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1352.	Igor Alekseevich GROZA (Игорь Алексеевич ГРОЗА)	Data tat-twelid: 2.6.1996 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 261205020910 (Russia)	Il-Logutenent Igor Groza huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Igor Groza huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1353.	Ivan Dmitrievich POPOV (Иван Дмитриевич ПОПОВ)	Data tat-twelid: 17.8.1998 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Maġġur Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 280403816493 (Russia)	Il-Maġġur Ivan Popov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Maġġur Ivan Popov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1354.	Matvey Andreevich LIYBAVIN (Матвей Андреевич ЛЫБАВИН)	Data tat-twelid: 2.9.1992 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Maġġur Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 732610491457 (Russia)	Il-Maġġur Matvey Liybavin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Maġġur Matvey Lybavin huwa persuna fiżika responsabbligħall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1355.	Roman Aleksandrovich KUROCHKIN (Роман Александрович КУРОЧКИН)	Data tat-twelid: 25.2.1985 Post tat-twelid: Chernyakhovsk, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Maġġur Sess: raġel	Il-Maġġur Roman Kurochkin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Maġġur Roman Kurochkin huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1356.	Dmitri Yuryevich TIKHONOV (Дмитрий Юрьевич ТИХОНОВ)	Data tat-twelid: 26.1.1993 Post tat-twelid: Lipetsk, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Għoli Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 482305758073 (Russia)	Il-Logutenent Għoli Dmitri Tikhonov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Għoli Dmitri Tikhonov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1357.	Nikolay Vladimirovich TARASOV (Николай Владимирович ТАРАСОВ)	Data tat-twelid: 29.8.1985 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Għoli Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 503811568315 (Russia)	Il-Logutenent Għoli Nikolay Tarasov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Logutenent Għoli Nikolay Tarasov huwa persuna fiżika responsabbliġhall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1358.	Anton Olegovich SHATUN (Антон Олегович ШАТУН)	Data tat-twelid: 12.2.1990 Post tat-twelid: Gudauta, Georgia Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 610209429700 (Russia)	Il-Kaptan Anton Shatun huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Anton Shatun huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1359.	Alexey Petrovich BETEKHTIN (Алексей Петрович БЕТЕХТИН)	Data tat-twelid: 7.12.1987 Post tat-twelid: Vladivostok, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel	Il-Kaptan Alexey Betekhtin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Alexey Betekhtin huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1361.	Artyom Aleksandrovich CHERNOV (Артём Александрович ЧЕРНОВ)	Data tat-twelid: 13.10.1988 Post tat-twelid: Kovrov, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 770482092946 (Russia)	Il-Kaptan Artyom Chernov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Artyom Chernov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna	16.12.2022
1362.	Stanislav Aleksandrovich MINKOV (Станислав Александрович МИНКОВ)	Data tat-twelid: 16.6.1984 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel	Il-Kaptan Stanislav Minkov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Stanislav Minkov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1363.	Alexey Sergeevich VOLKOV (Алексей Сергеевич ВОЛКОВ)	Data tat-twelid: 27.6.1997 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 784202352764 (Russia)	Il-Logutenent Alexey Volkov huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Logutenent Alexey Volkov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1364.	Andrey Anatolievitch IVANYUTIN (Андрей Анатольевич ИВАНЮТИН)	Data tat-twelid: 3.9.1980 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Maġġur Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 503114955109 (Russia)	Il-Maġġur Andrey Ivanyutin huwa membru tal-unità Missile Pre-Planning fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Maġġur Andrey Ivanyutin huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1366.	Pavel Aleksandrovich VASILYEV (Павел Александрович ВАСИЛЬЕВ)	Data tat-twelid: 19.3.1990 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Għoli Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 532007713046 (Russia)	Il-Logutenent Għoli Pavel Vasilyev huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre tal-Persunal Ġenerali (GVC) tar-Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Logutenent Għoli Pavel Vasilyev huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1367.	Alexey Nikolaevich MIKHAYLOV (Алексей Николаевич МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 29.1.1985 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 770474370653 (Russia)	Il-Kaptan Alexey Mikhaylov huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre tal-Persunal Ġenerali (GVC) tar-Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għalhekk il-Kaptan Alexey Mikhaylov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1368.	Elvira Yunusovna OBUKHOVA (Эльвира Юнусовна ОБУХОВА)	Data tat-twelid: 14.6.1988 Post tat-twelid: Perm, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: mara Nru tal-Identità tat-Taxxa: 590613130708 (Russia)	Il-Kaptan Elvira Obukhova hija membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, hija figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Elvira Obukhova hija persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1369.	Pavel Borisovich OBUKHOV (Павел Борисович ОБУХОВ)	Data tat-twelid: 7.2.1983 Post tat-twelid: Podolsk, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 503614915506 (Russia)	Il-Kaptan Pavel Obukhov huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Pavel Obukhov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1370.	Vitaly Viktorovich YASKELAYNEN (Виталий Викторович ЯСКЕЛАЙНЕН)	Data tat-twelid: 1.10.1986 Post tat-twelid: St. Petersburg, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Kaptan Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 780625739170 (Russia)	Il-Kaptan Vitaly Yaskelaynen huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kaptan Vitaly Yaskelaynen huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1371.	Alexandr Arsenovich GREGORYAN (Александр Арсенович ГРЕГОРЯН)	Data tat-twelid: 22.5.1998 Post tat-twelid: Tver, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 695010890820 (Russia)	Il-Logutenent Alexandr Gregoryan huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Alexandr Gregoryan huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1372.	Artyom Andreevich VEDENOV (Артём Андреевич ВЕДЕНОВ)	Data tat-twelid: 10.2.1989 Post tat-twelid: Kostroma, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel	Il-Logutenent Artyom Vedenov huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Artyom Vedenov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1373.	Nikita Evgenievich POPLAVSKIY (Никита Евгеньевич ПОПЛАВСКИЙ)	Data tat-twelid: 15.3.1998 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 504602606022 (Russia)	Il-Logutenent Nikita Poplavskiy huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Nikita Poplavskiy huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1374.	Vladimir Sergeevich PETROV (Владимир Сергеевич ПЕТРОВ)	Data tat-twelid: 23.2.1998 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 521406165185 (Russia)	Il-Logutenent Vladimir Petrov huwa membru tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Vladimir Petrov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1375.	Evgeniy Grigorievitch KAPSHUK (Евгений Григорьевич КАПШУК)	Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Kurunell Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 773128151404 (Russia)	Il-Kurunell Evgeniy Kapshuk huwa Kmandant tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Kurunell Evgeniy Kapshuk huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1376.	Anton Yurievich TIMOSHINOV (Антон Юрьевич ТИМОШИНОВ)	Data tat-twelid: 29.1.1986 Post tat-twelid: Ebda data disponibbli Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Kurunell Sess: raġel	Il-Logutenent Kurunell Anton Timoshinov huwa Kmandant tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Kurunell Anton Timoshinov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1377.	Igor Borisovich BAGNYUK (Игорь Борисович БАГНЮК)	Data tat-twelid: 30.4.1982 Post tat-twelid: Riga, Latvia Nazzjonalità: Russa Grad: Logutenent Kurunell Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 770470599386 (Russia)	Il-Logutenent Kurunell Igor Bagnyuk huwa Kmandant tal-Missile Pre-Planning unit fil-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Logutenent Kurunell Igor Bagnyuk huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	16.12.2022
1378.	Robert Petrovich BARANOV (Роберт Петрович БАРАНОВ)	Data tat-twelid: 20.3.1975 Post tat-twelid: Yalchiki jew Nizhny Tagil, l-eks USSR, (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Grad: Maġġur Ġeneral Sess: raġel Nru tal-Identità tat-Taxxa: 012190931739, 502239120417	Il-Maġġur Ġeneral Robert Baranov huwa d-Direttur tal-Main Computing Centre of the General Staff (GVC) ta' Russia's Armed Forces General Staff. F'dan ir-rwol, huwa figura ewlenija fl-attakki bil-missili tar-Russja fuq l-Ukrajna minn April sa Ottubru 2022, inkluż fuq bersalli ċivili, fejn f'Ottubru 2022 biss inqatlu aktar minn 30 persuna u ndarbu aktar minn 100 persuna. Għaldaqstant, il-Maġġur Ġeneral Robert Baranov huwa persuna fiżika responsabbli għall-fatt li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità.	16.12.2022”